ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tas-sitt laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

Is-sitt laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 24 ta' Novembru, 2010. Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Mario Bartolo. Is-Sur Norman Clews kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-ħames laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Mario Bartolo tkellem dwar it-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kumitat Amministrattiv u dwar il-mappa uffiċjali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tindika dawn it-toroq. Is-Sur Bartolo rrimarka li wħud minn dawn it-toroq għadhom mingħajr isem.

Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li tinstab soluzzjoni biex tiġi mdawwla l-parti ta' Triq il-Marżebb ma' Triq il-Werżieq.

Is-Sur Agius qal ukoll li kien qed jagħmel tentattiv biex jiġi ntrodott servizz ta'karozza tal-linja li tgħaddi mir-rotta numru 300 u li tibqa sejra l-MCAST, l-Universita, u l-Isptar Mater Dei.

Is-Sur Agius qal li hemm xi biċċiet tal-ġebel fi Triq Ġdida fi Triq San Leonardu li jeħtieġ jitneħħew sabiex jineħħa l-periklu.

Is-Sur Farrugia qal li billi l-Kumitat baqa' ma ngħata l-ebda r-risposta mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar l-art li hemm fi Triq l-Għakrux jipproponi li tinkiteb ittra u jintalab l-intervent tal-Onorevoli Dr Chris Said bil-għan li l-Kumitat jingħata risposta. Is-

Sinjura Debattista ssekondat lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat din l-ittra.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li jitneħħa terrapien perikoluż li hemm fi Triq l-Għakrux ma' Triq in-Naħla.

Is-Sur Farrugia fakkar dwar il-ħtieġa li t-*traffic island* ta' Triq il-Marżebb ma' Triq San Leonardu tiġi rranġata u jitneħħew uħud mill-*plastic bollards* tad-dawl żejda li hemm fuqha.

Is-Sur Farrugia semma l-bżonn li titneħħa struttura tal-ħadid li hemm fi Triq is-Sebellika.

Is-Sinjura Debattisa semmiet il-bżonn li jitnaddaf il-ħaxix minn Triq l-Għakrux kif ukoll li tiġi rranġata bozza minħabba li qed tixgħel u titfi f'din l-istess t-triq.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta'filgħaxija.

Duncan Busuttil,
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-seba' laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 22 ta' Diċembru 2010

Maria Elena Debattista
Chairperson